F'dan ir-rigward, l-appellant jirrileva, l-ewwel nett, li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' liġi meta interpretat l-Artikolu 6 *ter* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi b'mod litterali u barra mill-kuntest tiegħu, mingħajr ma ħadet in kunsiderazzjoni l-ispirtu ta' din id-dispożizzjoni u tal-Konvenzjoni in ġenerali, li, wara r-reviżjoni, li saret bl-Att ta' Liżbona tal-31 ta' Ottubru 1958, jimponi li jiġu estiżi d-dispożizzjonijiet dwar it-trade marks ta' ditti jew ta' negozju jew ta' trade marks fir-rigward ta' servizzi, bl-eċċezzjoni ta' xi dispożizzjonijiet mhux applikabbli għal dan il-każ.

L-appellant isostni li, fit-tieni lok, li l-leġiżlatur Komunitarju stess jikkontesta li għandha ssir distinzjoni bejn trade marks għal prodotti u trade marks għal servizzi peress li l-Artikolu 29 tar-Regolament dwar it-trade mark, li jittrasponi l-Artikolu 4 A tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, dwar id-dritt ta' prijorità, isemmi espressament is-servizzi koperti minn applikazzjoni għal trade mark.

Huwa josserva, fit-tielet lok li, kuntrarjament għal dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata, l-Artikolu 16 Trattat fuq il-liġi tat-trade marks, adottat f'Ġinevra fis-27 ta' Ottubru 1994, għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkjarifika l-qasam ta' applikazzjoni għal sitwazzjonijiet li din l-aħħar konvenzjoni teskludi fil-verżjoni attwali tagħha.

Fl-aħħar nett, l-appellant isostni li, f'sentenza reċenti, l-istess Qorti tal-Ġustizzja aċċettat, għall-inqas impliċitament, li l-Konvenzjoni ta' Pariġi timponi trattament ugwali bejn it-trade marks ta' prodotti u t-trade marks ta' servizzi.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).
(2) Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 828, Nru 11847, p. 108.

## Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula minn Bundesgerichtshofs (Il-Ġermanja) fit-22 ta' Mejju 2008 — E. Friz GmbH vs Carsten von der Heyden

**(Kawża C-215/08)**

(2008/C 209/33)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof [Qorti Suprema Federali]

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* E. Friz GmbH

*Konvenut:* Carsten von der Heyden

### Domandi preliminari

1) 1. L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-lok tan-negozju (1), għandha tiġi interpretata fis-sens li din tinkludi l-adeżjoni ta' konsumatur ma soċjetà, ma soċjetà kummerċjali, ma assoċjazzjoni jew ma kooperttiva meta l-iskop ta' l-adeżjoni mhuwiex dak li l-konsumatur isir imsieħeb fis-soċjetà, fl-assoċjazzjoni jew fil-kooperattiva iżda fejn, bħal ma jiġri ta' spiss l-iktar fil-każ ta' sħubija f'fond immobiljari magħluq, is-sħubija fis-soċjetà tirrappreżenta biss mod alternattiv ta' kif jiġi investit il-kapital, jew fi kliem ieħor il-ksib ta' servizzi li normalment jikkostitwixxu s-suġġett ta' kuntratti reċiproċi?

2) 2. L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-lok tan-negozju, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi effett legali nazzjonali (ipprovdut mill-ġurisprudenza) skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva, li jipprovdi li fil-każ fejn l-adeżjoni sseħ fid-dar tal-konsumatur, dan l-aħħar konsumatur revokanti jikseb, fil-każ ta' revoka ta' l-adeżjoni, dritt fil-konfront tas-soċjetà, ta' l-assoċjazzjoni jew tal-kooperattiva għall-kwota ta' likwidazzjoni, ikkalkulata b'effett minn meta r-revoka ssir effettiva, jiġifieri għal somma li tkun tikkorrispondi għall-valur tal-kwota ta' sħubija tiegħu fis-soċjetà, fl-assoċjazzjoni jew fil-kooperattiva fil-mument ta' meta huwa ma jibqax imsieħeb, bil-konsegwenza (possibbli) li dan il-konsumatur revokanti, minħabba l-andament ekonomiku tas-soċjetà, ta' l-assoċjazzjoni jew tal-kooperattiva, jikseb ir-rifużjoni ta' ammont li jkun inqas mill-valur tal-kontribuzzjoni tiegħu, jew fi kliem ieħor isib ruħu espost, fil-konfront tagħhom, mhux biss għat-telf tal-kontribuzzjoni magħmula iżda wkoll għall-obbligu li jħallas, safejn il-kwota ta' likwidazzjoni jkollha valur negattiv.

(1) ĠU L 372, p. 31.

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

**(Kawża C-221/08)**

(2008/C 209/34)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: R. Lyal, W. Mölls, aġenti)

*Konvenuta:* L-Irlanda

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li bl-impożizzjoni ta' prezzijiet bl-imnut minimi u massimi għas-sigaretti, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 95/59/KE ([1]), tas-27 ta' Novembru 1995 dwar taxxi li m'humiex taxxi fuq il-qliegħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat;

— tiddikjara li billi naqset li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-leġiżlazzjoni Irlandiża applikabbli sabiex il-Kummissjoni tkun tista' taqdi dmirha li tissorvelja l-konformità mad-Direttiva 95/59, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 10 KE;

— tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tar-Regolamenti dwar Prodotti tat-Tabakk (Kontroll tar-Reklamar, Sponsorjar u Promozzjoni tal-Bejgħ)(Nru 2) ta' l-1986 (Tobacco Products (Control of Advertising, Sponsorship and Sales Promotion)(No. 2) Regulations 1986) u l-arranġamenti magħmula, sabiex jiġu implementati dawk ir-regolamenti, ma' manifatturi u importaturi tat-tabakk, l-Irlanda timponi prezz minimu għas-sigaretti li jikkorrispondi ma' livell mhux iktar minn 3 % taħt il-prezz medju kkunsidrat għal sigaretti fil-kategorija in kwistjoni. Barra minn hekk, peress li l-manifatturi u l-importaturi ma jistgħux jiffissaw prezzijiet iktar minn 3 % ogħla minn dak il-prezz medju kkunsidrat, l-Irlanda timponi wkoll prezz massimu għas-sigaretti. Sistema bħal din tmur kontra l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 95/59, li jistipula li l-manifatturi tat-tabakk huma "liberi li jistabbilixxu l-prezz massimu tal-bejgħ bl-imnut għal kull prodott tagħhom".

Skond l-Artikolu 10 KE, l-Istati Membri għandhom l-obbligu jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Kummissjoni, partikolarment billi jikkonformaw ma' talbiet għal informazzjoni magħmula matul proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Il-Kummissjoni ssostni li billi naqset li tipprovdi kwalunkwe informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni Irlandiża applikabbli, minkejja t-talbiet magħmula ripetutament mill-Kumissjoni, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 10 KE.

([1]) ĠU L 291, p. 40.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Belġju**

**(Kawża C-222/08)**

(2008/C 209/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. van Vliet u A. Nijenhuis, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju

**Talbiet**

— tiddikjara li, billi naqas milli jadotta l-miżuri kollha neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2002/22/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu ta' l-ispejjeż u l-iffinanzjar ta' l-obbligi ta' servizz universali, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 12(1), l-Artikolu 13(1) u l-Anness IV, Taqsima A tad-Direttiva 2002/22/KE;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belgju għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Id-Direttiva 2002/22 għandha bħala għan, fost oħrajn, li tirregola sitwazzjonijiet li fihom is-suq ma jissodisfax b'mod adegwat l-eżiġenzi tal-konsumaturi finali u fiha dispożizzjonijiet dwar id-disponibbiltà tas-servizz universali. L-Artikolu 12(1) tad-direttiva jistabbilixxi li, fejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jqisu li l-provvista servizz universali jista' jirrappresenta piż żejjed fuq impriżi maħtura biex jipprovdu servizz universali, huma għandhom jikkalkolaw l-ispejjeż netti tal-provvista tiegħu kif indikat fl-imsemmi artikolu. L-Anness IV tat-Taqsima A jistabbilixxi r-regoli dwar il-kalkolu ta' l-ispejjeż netti. L-Artikolu 13(1) jistabbilixxi li, fejn, fuq il-bażi tal-kalkolu ta' l-ispejjeż netti msemmija fl-Artikolu 12, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jsibu li impriża hija suġġetta għal piż żejjed, l-Istati Membri għandhom, permezz ta' talba minn impriża maħtura, jiddeċiedu li jintroduċu mekkaniżmu ta' kumpens.

Skond il-Kummissjoni, il-Belġju naqas milli jittrasponi b'mod korrett id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(1), l-Artikolu 13(1) u ta' l-Anness IV, Taqsima A. Il-leġiżlazzjoni Belġjana tevita l-kwistjoni dwar jekk il-provvista ta' tariffi soċjali fil-kuntest tad-distribuzzjoni tas-servizz universali tikkostitwixxix piż żejjed għall-impriżi maħtura. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni Belġjana ma tissodisfax ir-rekwiżit tal-kalkolu ta' l-ispejjeż netti, kif stabbilit b'mod partikolari fl-aħħar parti ta' l-Anness IV, Taqsima A tad-Direttiva.

**Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Verwaltungsgericht Oldenburg fis-26 ta' Mejju 2008 — Stadt Papenburg vs Il-Bundesrepublik Deutschland**

**(Kawża C-226/08)**

(2008/C 209/36)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Oldenburg.